



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 2 ta' Lulju 2010
(OR. en)**

11364/10

**Fajl Interistituzzjonali:
2009/0062 (CNS)**

**RECH 240
COEST 193**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina

DEĊIŻJONI Nru .../2010/UE TAL-KUNSILL

ta'

**li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni
xjentifika u teknoloġika
bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ ĠU C, p...

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu 2003/96/KE tas-6 ta' Frar 2003², il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina.
- (2) L-Artikolu 12(b) tal-Ftehim ippreveda li l-Ftehim ser jiġi konkluż għal perijodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2002 u jkun jista' jiġġedded bi qbil komuni bejn il-Partijiet għal perijodi addizzjonali ta' ħames snin.
- (3) B'Deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2003³ li daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2004, il-Kunsill approva t-tiġdid tal-Ftehim għal perijodu ulterjuri ta' ħames snin.
- (4) Fit-tielet laqgħa tas-Sottokomitat UE-Ukraina Nru 7, li saret fi Kjev fis-26 u s-27 ta' Novembru 2008, iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw l-interess tagħhom fit-tiġdid tal-Ftehim imsemmi hawn fuq għal ħames snin aktar.

² ĠU L 36, 12.2.2003, p.31

³ ĠU L 267, 17.10.2003, p.24

- (5) Il-kontenut konkret tal-Ftehim imġedded huwa identiku għall-kontenut konkret tal-Ftehim li skada fis-7 ta' Novembru 2009.(6) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet il-Komunità Ewropea.
- (7) It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina għandu jiġi approvat fisem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina, għal perijodu addizzjonali ta' ħames snin, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 12(b) tal-Ftehim u jagħmel in-notifika li ġejja lill-Ukraina:

“B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, ir-referenzi għal "il-Komunità Ewropea" fit-test tal-Ftehim għandhom, fejn adatt, jinqraw bħala "l-Unjoni Ewropea".”

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President
